MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 415/2008

**Mary Fox**

**Vs**

**Guza Caurana**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ippresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar d-dswatax (19) ta' Dicembru 2008 mill-attrici fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna lil konvenuta troddilha l-partiti msemmija fil-lista hawn mehmuza Dok. B – proprjeta taghha u li hi qed tirrifjuta li tghaddilha u fin-nuqqas, li thallasha l-valur taghhom.

Bl-ispejjez mghaduda dawk tal-ittra bonarja tat-tlettax (13) ta' Novembru 2006 u tal-Ittra Ufficcjali tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2007 kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa 'n subizzjoni u dan bl-imghaxx.

Rat li fit-tmienja w ghoxrin (28) ta Mejju 2009 xehdet **Mary Fox** u kkonfermat liema huma l-oggetti li jinsabu f'idejn il-

konvenuta u cioe dawk indikati fid-dokument ‘Z’.  Spjegat li f’dan id-dokument hemm imnizzel ukoll il-valur ta’ dawn l-istess oggetti.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata bir-rikors nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Marzu 2009 fil-Gazetta tal-Gvern kif jirrizulta a fol. 20 tal-atti.  Jirrizulta wkoll li l-konvenuta giet notifikata permezz t’affissjoni fuq l-indirizz imsemmi fir-rikors, fl-ghassa tal-pulizija Haz Zebbug u Kunsill Lokali ta’ Haz Zebbug nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Frar 2009 kif jirrizulta a fol. 21 tergo. In oltre giet notifikata bl-avviz ippubblikat fil-gazetta lokali L-Orizzont datata sitta (6) t’April 2009 esebita a fol.  23.

Illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta’ Lulju 2009, l-konvenuta imsejjha diversi drabi naqset li tidher il-Qorti sabiex tikkontesta t-talbiet attrici u l-attrici pprezentat kapitolu fil-konfront taghha.

Rat illi fis-seduta tad-disgha (9) ta’ Lulju 2009 il-konvenuta giet imsejjha tlett darbiet izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi t-talba attrici ma hiex kontestata u ghandha tigi milqugha.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta tghaddi l-oggetti kollha kif indikati fil-prospett immarkat bhala Dok. ‘A’ fil-kawza fi zmien gimgha mill-llum u fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuta thallasha is-somma ta’ LM1,114 ekwivalenti ghal elfejn, hames mija sitta w disghin (2596) euro.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura u bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi jithallsu mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------